**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **4 TA' ĠUNJU 2017**

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

***Cappella Pontificia Sistina***

L-Arċidjoċesi qed torganizza kunċert mill-kor tal-***Cappella Pontificia Sistina***, il-Kor tal-Papa. Il-kunċert ta' mużika sagra se jsir il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju fis-7.30pm, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt. Din hi opportunità unika li mhux ta' min jitlifha. Biljetti jinkisbu online minn www.teatrumanoel.com.mt.

**L-Ewwel Tqarbina**

Is-Sibt 10 ta' Ġunju 2017 fis-6:15pm issir l-ewwel ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa tagħna. Il-quddiesa tas-6:30pm issir fis-Sala Sant'Anna u San Ġwakkin.

Il-Ħadd 11 ta' Ġunju 2017 fl-10:15am issir it-tieni ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina fil-Parroċċa tagħna. Il-quddies tad-9:15am u tal-11:30am isiru fis-Sala Sant'Anna u San Ġwakkin. Inħeġġu lit-tfal tal-Ewwel Tqarbina flimkien mal-familja tagħhom sabiex qabel din il-ġurnata għażiża jersqu lejn is-Sagrament tal-Qrar.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 10 ta' Ġunju 2017 fil-Parroċċa ta' Pembroke fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Festa ta' Sant'Antnin ta' Padova**

It-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017 fil-Kappella tal-Park ta' Sant'Antnin issir il-festa ta' Sant'Antnin ta' Padova. Se jkun hemm quddiesa fl-10:00am u oħra fis-7:00pm. Inħeġġukom sabiex nattendu.

**Ħolqa Bejnietna – Ktieb tal-Festa 2017**

Dawk li jixtiequ jirreklamaw fil-ħarġa speċjali tal-Programm tal-Festa ta' Sant'Anna, jistgħu ikellmuna fis-sagristija.